KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA LIVELL PRIMARJU

FRAR 2017

IR-RABA' SENA | IR-RELIĠJON | IL-ĦIN: SIEGĦA u KWART

L-isem u l-kunjom: ______________________ Il-klassi: __________

Marka Totali ________ 100



**A. Qabbel l-ewwel kolonna mat-tieni kolonna. L-ewwel waħda lesta. (10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | ***Li mmur il-baħar fis-sajf hija*** | | esperjenza kerha. |
| 2. | Meta xi ħadd minn sħabi jwarrabni tkun | | inkun qed nikkollabora. |
| 3. | Fil-klassi nuri rispett meta nipprova | | l-opinjoni ta' ħaddieħor. |
| 4. | Meta naħdem ma' sħabi fi grupp | ***1*** | ***esperjenza sabiħa.*** |
| 5. | Nittollera tfisser li naċċetta u nirrispetta | | l-parir ta' nies li jħobbuni. |
| 6. | Nikber meta naċċetta | | fejn nikbru f'persuni aħjar. |
| 7. | L-ewwel komunita` tagħna hija | | Nazaret. |
| 8. | L-iskola u għaqdiet oħra huma komunitajiet | | li żbaljajt. |
| 9. | Ġesù kien imur jitgħallem ma' sħabu | | nifhem lil sħabi. |
| 10. | Meta nitlob maħfra jkun qed jiddispjaċini | | fis-sinagoga. |
| 11. | Ġesù kiber u għex fir-raħal ta' | | l-familja jew min jieħu ħsiebna. |

**B. Aqta` sing taħt it-tajba. (10 marki)**



***Eżempju: Fl-iskola aħna nitgħallmu (<u>ngħixu flimkien</u>, niġġieldu, nilagħbu bl-Xbox).***

1. Ngħid prosit meta (napprezza xi ħaġa li saret miegħi, norqod raqda twila, naqra ktieb sabiħ).
2. Ġesù kien tifel bħalna, iżda ma kellux (qalb tajba, dnub, ġenituri).
3. Is-sinagoga kien jieħu ħsiebha (l-kappillan, s-sindku, r-Rabbi).
4. Meta kellu tnax-il sena, Ġesù ntilef (fit-tempju, fuq il-monti, ħdejn il-baħar).
5. San Ġużepp ta' Kopertinu huwa l-protettur (tal-annimali, tal-istudenti, tal-morda).
6. Inkun nixbah lil Ġesù jekk ikolli (kompjuter, ħafna flus, kwalitajiet tajbin).
7. Irrid inkun Nisrani tajjeb (fl-iskola biss, fil-knisja, kullimkien).
8. M'għandix naqta' qalbi għax (Alla għandu pjan għalija, għandi x'niekol, għandi ħafna ħwejjeġ).
9. Is-suġġetti li nitgħallem l-iskola jgħinuni nikber (fit-tul, fl-għerf, fil-logħob).
10. Li ma nċedix fil-logħob hija kwalita` (ħażina, tajba, importanti).

**Ċ. Imla l-vojt bil-kliem li ġej. L-ewwel waħda lesta. (10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ~~*miet*~~ | L-Ispirtu Santu | s-sema | fl-Għid il-Ħamsin |
| weħidhom | il-biża' | l-għajnuna | fehmu |
| jaqbduhom | jxandruh | mbeżżgħin | |

Wara li Ġesù ***miet*** u tela' ______________________, l-Appostli ħassewhom weħidhom u ______________________. Għalhekk marru jinqaflu f'kamra għax bdew jibżgħu li jiġu r-Rumani u ______________________. Kienu nsew li Ġesù kien wegħedhom li ma kienx ser iħallihom ______________________ u li kien ser jibagħtilhom ______________________ permezz tal-Ispirtu Santu.

Darba waħda semgħu bħal ħoss ta' riħ qawwi u fuq rashom dehru bħal ilsna tan-nar. ______________________ niżel fuq l-Appostli bħal ma kien wegħedhom Ġesù. Minn dak il-ħin stess, l-Appostli ma baqgħux jibżgħu. Huma ______________________ wkoll dak it-tagħlim kollu li kien għallimhom Ġesù u riedu ______________________ ma' kulħadd. L-Ispirtu Santu neħħielhom ______________________ u mtlew bil-kuraġġ. Dan seħħ ħamsin jum wara l-mewt ta' Ġesù, ______________________.



D. **Immarka (✓) jekk hux Tajjeb jew Ħażin. Ara l-eżempju.** **(8 marki)**



| | | Tajjeb | Ħażin |
|---|---|---|---|
| 1. | *Eż: Ngħajjar lil min imur il-quddies nhar ta' Ħadd.* | | ✓ |
| 2. | Nies li ġejjin minn pajjiżi oħra fid-dinja għandna nħobbuhom ukoll. | | |
| 3. | Qatt ma nwarrab nies b'opinjoni differenti minn tiegħi. | | |
| 4. | Ngħid ir-rużarju waqt li qed nara film favorit. | | |
| 5. | Tlabt talba sempliċi imma mill-qalb. | | |
| 6. | Għint żewġt iħbieb miġġildin biex jerġgħu jagħmlu ħbieb. | | |
| 7. | Ingerger għal kull ħaġa ta' xejn. | | |
| 8. | Ammettejt li għamilt żball. Kont onest. | | |
| 9. | Ċempilt il-qanpiena tal-bieb ta' anzjan u tlaqt niġri. | | |
| 10. | Fil-brejk lgħabt ma' tifel barrani. | | |

**E. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (10 marki)**

Darba Ġesù qal din il-parabbola.

Żewġt irġiel marru fit-tempju jitolbu. Wieħed kien Fariżew u l-ieħor Pubblikan. Il-Fariżew kien bilwieqfa, fuq quddiem u kien qed jitlob ġo qalbu u jiftaħar: "Ja Alla niżżik ħajr li m'iniex bħan-nies il-ħżiena jew bħal dan il-Pubblikan. Insum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas it-taxxa kif suppost."

Il-Pubblikan, wieqaf fil-bogħod, anqas ma ried jerfa' għajnejh mill-art, imma kien iddispjaċut minn dnubietu u qal: "Ja Alla, aħfirli, jiena dnibt."

Ngħidilkom li l-Pubblikan mar lura f'daru aktar ferħan mill-Fariżew.

1. Xi tfisser 'parabbola'?

________________________________________

2. Iż-żewġt irġiel kienu ____________________ u ____________________

3. X'għamel ħażin il-Fariżew?

________________________________________

4. Għalfejn taħseb li l-Pubblikan kien qed iħares b'dispjaċir lejn l-art?

________________________________________

________________________________________

5. Ta' min taħseb li kienet l-aktar talba li għoġbot lil Alla? Għaliex taħseb hekk?

________________________________________

________________________________________

**F. Imla l-vojt.** **(6 marki)**

1. Il-kant huwa forma ta' ________________________________________.

2. Il-Lhud jiltaqgħu flimkien biex jitolbu kull nhar ta' ______________________.

3. Il-Bibbja tagħna l-Insara maqsuma fi tnejn:

fit-____________________________ u t-______________________________.

4. L-erba' persuni li kitbu l-Vanġelu jissejħu ____________________________.

5. Il-Bibbja ġiet ispirata mill- ________________________________________.



**Ġ. Semmi:** **(7 marki)**

1. Xi ħadd Taljan li sar saċerdot wara ħafna studju u tbatija:

______________________________________________________________

2. It-talba li għallimna Ġesù:

______________________________________________________________

3. Ċelebrazzjonijiet reliġjużi Maltin li jsiru fis-sajf:

______________________________________________________________

4. San Ġorġ Preca għażlu bħala l-ewwel Superjur Ġenerali tal-M.U.S.E.U.M:

______________________________________________________________

5. Turina l-istorja tas-Salvazzjoni:

______________________________________________________________

6. Ġew mill-bogħod biex jaduraw lil Ġesù:

______________________________________________________________

7. Deher lir-ragħajja u ħabbrilhom ferħ kbir:

______________________________________________________________

G. **Ikteb sentenza dwar kull stampa.** **(9 marki)**













**Għ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek. (10 marki)**



1. Min huma l-missjunarji?

______________________________________________

______________________________________________

2. Meta għandi nirringrazzja lil Alla?

______________________________________________

______________________________________________

3. Xi nkunu qed nuru meta niċċelebraw il-festi sew?

______________________________________________

______________________________________________

4. Kif għandna nittrattaw lir-refuġjati?

______________________________________________

______________________________________________

5. Kif nistgħu ngħinu lil min hu fqir?

______________________________________________

______________________________________________

**H. Ikteb x'għandek tagħmel bħala Nisrani/ja meta: (5 marki)**

*<u>Ara l-eżempju</u>: Il-ħabib tiegħek iġġieled ma' oħtu u ma jridx ikellimha.*

***<u>Jien nipprova nagħmilhom paċi mill-ġdid.</u>***



1. Luke kiser siequ u ma jistax joħroġ barra jilgħab mal-ħbieb.

   Jien se mmur ________________________________________

2. Il-ħabib tiegħi qal gidba fuqi. Minflok niġġieled miegħu, jien _______________

   ________________________________________________________________

3. Karl ħalla l-vit tas-sink miftuħ apposta. Jien spjegajtlu __________________

   ________________________________________________________________

4. John ma jċedix waqt il-logħob. Jien għidtlu li ____________________________

   ________________________________________________________________

5. Bi żball ħadt il-ktieb tat-tifla ta' ħdejja. Jien inċemplilha u ________________

   ________________________________________________________________

**Ħ. Immarka Veru jew Falz. (5 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | San Ġużepp ta' Kopertinu qal, "Taqtax qalbek! Alla għandu pjan għalik." | | |
| 2. | Il-Madonna qalet, "Tibżgħux! Għax ara, se nħabbrilkom ferħ kbir. Illum twieled is-Salvatur." | | |
| 3. | San Pietru qal, "Fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi, hemm jien inkun f'nofshom." | | |
| 4. | L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli fil-Milied. | | |
| 5. | Ġesù qal, "Min jilqa' lil dan, ikun qed jilqa' lili." | | |

I. Ikteb l-isem tal-Evanġelisti taħt is-simboli tagħhom. (4 marki)

| San Mattew | San Mark | San Luqa | San Ġwann |
|---|---|---|---|









J. Ikteb <u>tliet</u> (3) sentenzi fuq wieħed minn dawn: (6 marki)

A. Ir-Rispett lejn l-oħrajn

**jew**

B. Kif nagħmel kuraġġ lil xi ħadd li jaqta' qalbu malajr?

TMIEM IL-KARTA